# IS-SALA PARROKKJALI TAL-GUDJA, *MARIJA BAMBINA*

Wieħed u erbgħin sena ilu tlestiet mill-bini s-Sala Parrokjali u mill-ewwel bdiet tintuża għall-ħtiġijiet soċjali tat-parroċċa.

Is-snin tat-tieni gwerra dinjija, kif ħafna jiftakru, ġabu magħhom bosta niket – min tilef ħajtu jew lill-niesu, min tilef daru. Saħansitra kien hemm min tilef ħajtu fix-xelters għax inxtered il-mard kif ukoll b'attakki mill-għadu. Ir-raħal, li kien viċin tal-Karwija u Ħal-Far kien impossibli li ma jkunx imsieħeb fil-mira ta' l-għadu għalkemm mhux daqs il-bliet ta' madwar il-Port il-Kbir. Ma kienx hemm dar fil-Gudja li ma sofrietx xi ħsarat estensivi jew danni oħra.

Il-knisja tal-Gudja, li kemm fil-Gudja kif ukoll barra mir-raħal kellha propjetà bħalma huma kappelli, djar u raba', ukoll ġarrbet ħsarat konsiderevoli. Tiswijiet fuq il-knejjes biss swew madwar £4000. Saru wkoll tiswijiet estensivi fid-djar fil-Gudja u bini mill-ġdid ta' għadd ta' djar fi Triq il-Palazz tal-Gvernatur u fi Triq Sant'Antnin fil-Birgu. L-arkivju parrokkjali huwa mera tal-biċċa xogħol kbira li kellu l-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Rapa biex jirrapporta l-ħsarat u isus wara l-awtoritajiet biex isiru t-tiswijiet meħtieġa. Kien jieħu l-inkarigu hu stess biex imur fuq il-post u jivverifika l-kejl qabel ma jaċċetta l-offerta li tkun saret mill-awtorita'.

Saru wkoll rapporti dettaljati dwar il-ħsarat fil-knisja parrokkjali u fil-knejjes filjali. Ilpermessi għat-tiswijiet kienu joħorġu mkissrin f'bċejjeċ separati u


Domus Curialis Gudja
5 ta Gunju 1947
Jien hawn taht iffirmat niddikjara li sas-sena
1940 kienet tezisti Knisja filjali tal Parroċċa tal Gudja
fil-limiti ta Hal-Luqa, li kienet iddedikata
lit-Twelid Mqaddes ta Marija SS. u msejha il
Vitorja. Din il-Knisja giet rekwizizzjonata
mill-Air Ministry Britannika u demolita
minhabba l'estensjoni tal l'aerodrome ta Hal-
Luqa. Mil gurnata tar-rekwizizzjoni sal-lum
il Knisja ma rceviet ebda kumpensa.
Dun Anton Rapa
Kappillan

*Kopja mir-rapport lil* War Damage Commission *dwar il-ħsarat li saru lill-propjetà ekklesjastika fil-Gudja – Arkivju Parrokkjali.*

l-kappillan kien ikollu diffikultajiet biex iqabbad kuntrattur għax-xogħol. Dan għaliex xogħol ta' tqanċiċ ma riedu ħadd. Interessanti ħafna hi l-aħħar parti jew konklużjoni dwar ir-rapport li sar mill-kappillan dwar it-ħsarat:

*Domus Curialis, Gudja 5 ta' Ġunju 1947. Jien hawn taħt iffirmat niddikjara li sas-sena 1940 kienet teżisti Knisja filjali tal-Parroċċa tal-Gudja fil-limiti ta' Ħal Luqa, li kienet iddedikata lit-twelid Mqaddes ta' Marija SS msejħa l-Vitorja. Din l-knisja ġiet rekwiżizzjonata mill-Air Ministry Britaniku u demolita minħabba l-estensjoni ta' l-aerodome ta' Ħal Luqa. Mill-ġurnata tar-rekwiżizzjoni sal-lum il-knisja ma rċeviet ebda kumpensa.*

*Dun Anton Rapa*
*Kappillan*

Oriġinarjament Ħal-Farruġ kien wieħed mill-irħula fil-limiti ta' Bir Miftuħ. Wara li Ħal Farruġ spiċċa għaliex dak li kien baqa' minnu ttieħed mill-militar, il-kumpens ġie fuq il-parroċċa tal-Gudja għar-raġuni li l-Gudja hija l-fdal tal-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Sas-sena 1940 kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' Marija Bambina nhar it-8 ta' Settembru mill-kappillan tal-Gudja u d-dokumenti juruna li l-poplu tal-Gudja kien imur bi ħġaru għal din il-festa. Tifkira unika li għad fadal minn din il-knisja, għajr xi ritratti, huma żewġ statwi tal-ġebel, waħda ta' San Pawl u l-oħra ta' San Pietru, li kienu jinsabu fuq il-faċċata tagħha. Illum dawn qegħdin waħda fuq il-lemin u l-oħra fuq ix-xellug tal-kappella taċ-ċimiterju ta' Ħal-Luqa.

Il-kumpens fuq il-knisja tal-Vitorja ta' Ħal-Farruġ sar mill-Gvern Ingliż lill-Kurja Arċiveskovili u kien depożitat fil-Bank ta' l-appostolat tat-Talb. Is-somma ta' 'l fuq minn £4000 ġiet mogħtija lill-parroċċa tagħna fi tmintax il-pagament minn Mons. Emanuele Bartoli bejn it-3 ta' Frar 1956 u t-8 ta' Ottubru 1958.

F'dan ż-żmien jinħass il-bżonn li dawn il-fondi jintażaw biex tinbena is-Sala Parrokkjali. Irridu niftakru li sal-bidu tas-snin ħamsin, fir-raħal tagħna il-mezzi ta' rikrejazzjoni li kien hawn, kienu żewġ każini tal-banda, tejatru privat ta' Anġlu Mangion u erba' ħwienet ta' l-inbid.

Qabel ma l-parroċċa kellha din is-sala, il-knisja kienet torganizza attivitajiet xorta waħda, iżda fi



*Il-Knisja ta' Ħal Farruġ fl-1939 – ritratt Mużew ta' l-Arkejoloġija – Valletta.*

spazju ħafna iżgħar. Għal dan il-għan kienet tintuża l-bitħa tal-każin tal-banda La Stella. Dak iż-żmien kien hemm il-kumpanija tat-teatrini 'San Luigi Consaga' miż-Żurrieq li ta' spiss kienet tagħmel rappreżentazzjonijiet għall-poplu tal Gudja.

Ix-xogħol tal-bini sar minn Carmelo Farrugia u t-tibjid u t-tikħil minn Taddew Cutajar. Tumas Farrugia ħa x-xogħol tal-konkos, u t-travi tal-ħadid inxtraw mingħand id-ditta Bugeja. Il-madum inxtara mingħand id-ditta Ellis u l-irħam mingħand Bonavia. Ġużeppi Zammit poġġa l-madum tal-bejt u Ġużeppi Gravina poġġa l-madum tas-sala minn ġewwa. Ġuzeppi Chircop ħadem il-garigor u l-ħadid tal-gallarija. Inxtraw is-siġġijiet mingħand Emmanuele Grech. Rokku Grixti ħa x-xogħol ta' l-Injam.

Is-sala bdiet tinbena fi żmien il-Kappiflan Dun Ġerald Frendo u tkompliet fi żmien il-Kappillan Dun Pawl Farrugia. Dan ta' l-aħħar ma rnexxilux jara dan il-proġett mitmum għax laħaq miet. Il-Kappillan ta' warajh Dun Lawrenz Cachia inawgura din is-sala u semmieha għal Marija Bambina għax wara kollox kien b'benefiċċju ta' Ħal Farruġ u l-knisja tiegħu li nbiet.

Din is-sala kienet inawgurata f'Ottubra 1958 u l-poplu tar-raħal kollu kien mistieden għall-ftuħ. Fl-istess xahar sar l-ewwel teatrin mill-kumpanija tat-teatrin 'Ruben'. Sa l-aħħar ta' dik is-sena stess saru disa' rappreżentazzjonijiet. Il-kumpaniji tat-teatrin li ħadu sehem f'dawn it-tliet xhur u għal ħafna snin wara kienu:

Ruben
Mahoney
Goldoni – Msida
Żużu Sammut – Żurrieq

Aktar tard żdiedu kumpaniji oħrajn fosthom kumpaniji mir-raħal stess bħal 'Verdias' ta' Francis Darmanin. Il-poplu tar-raħal dejjem wera apprezzament u attenda bil-kbir.

Is-Sajda Mużewmina li saret f'Diċembru 1958 kienet ukoll organizzata f'din is-sala. Mis-sena ta' wara 'l quddiem is-sala





*L-istatwi li kienu parti mill-faċċata tal-knisja ta' Ħal Farruġ u llum jinsabu fiċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa fejn inġibdu dawn ir-ritratti.*

kienet attrezzata wkoll b'makkinarju tal-films u screen kbir cinema-scope. Bejn is-snin sittin u tmenin is-sala kienet tintuża regolari biex jintwerew films kull nhar ta' Ħadd u festi pubbliċi.

Illum din is-sala ma tintużax għal skopijiet kummerċjali. F'diversi jiem importanti matul is-sena fiha jiltaqgħu n-nies tal-parroċċa biex jifirħu flimkien u jagħtu l-awguri lil xulxin, bħal f'nhar il-Milied u l-Għid il-Kbir. Isiru diversi laqgħat ta' formazzjoni għan-nisa, żgħażagħ,anzjani u miżżewġin. Fir-Randan isir id-dramm tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fiha jinġabru t-tfal li l-ġenituri tagħhom ikunu qed jattendu xi attività fil-knisja. Għat-tfal tal-parroċċa tagħna jkun organizzat il-party tal-Milied. Bazaars u xi Lejla Flimkien b'risq xi opra meħtieġa fil-knisja tar-raħal ukoll isiru f'dan il-post. Fil-vaganzi tas-sajf it-tfal ikunu miġbura hemm għas-summer club'.



*Il-Knisja ta' Ħal Farruġ fl-1939 – ritratt Mużew ta' l-Arkejoloġija – Valletta.*



*Ritratt tal-knisja parrokkjali tal-Gudja minn wara, qabel ma nbniet l-iskola primarja tal-Gvern u s-sala parokkjali Marija Bambina.*

*Mario Gatt*